MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2013

Numru. 45/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edel Mary Camiller)**

**Vs**

**Mario Muscat ta' 54 sena iben Victor u Josephine nee` Raggio imwieled Pieta fit-13/12/1958 residenti fi 3A, 'Bowery', Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar, Malta. Detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 9859M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzata talli fis-6 ta' Dicembru, 2012 u fix-xhur ta' qabel fil-Marfa, Malta u bnadi ohra f'dawn il-gzejjer , impjega jew ta' xoghol lil persuna li ma kienx /kinitx persuna ezenti u li ma kelliex licenza moghtija lilha ghal dak l-impjieg jew xoghol skond id-disposizzjonijiet tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Kif ukoll taht l-istess cirkostanzi, bhala persuna responsabbli li kien qed isir gewwa fond f'Floriana u nhawi ohra f'Malta, impjegat persuna li ma kinitx cittadin ta' Malta meta din il-persuna ma kelliex permess validu u ufficjali.

U aktar talli fl-istess cirkostanzi bhala principal jew persuna li timpjega persuni ohra, full time, part time, jew xort'ohra b'kuntratt definit jew indefini jew bi prova, naqas li jinnotifika lill-Korporazzjoni tax-xoghol u tahrig b'dan l-impjieg kif hemm stabbilit fl-Avviz |Legali 110 tas-sena 1933 (3A sa 10).

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 3(a) u 10 tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Avviz Legali 110/1993, issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u tikkundannah ghall-multa ta' elf u mitejn euro (€1,200) liema multa ghandha tithallas fi zmien tlett (3) xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------